# Ħjiel tat-Tiżjin ta' Barra għall-Festa tal-Viżitazzjoni fl-Għarb ...l-ewwel 50 sena

- Joseph Galea MD FRCS -

Matul is-sena r-raħal tal-Għarb kien ikun relattivament kwiet. Mit-toroq tat-torba kienu jmekku l-bdiewa fuq xi karettun misjuq minn xi ħmar, żiemel jew bagħal, ir-raħħala bil-merħliet tagħhom sejrin lejn l-egħlieqi jew jinġabru lura lejn l-irziezet u nisa u tfal għaddejin bil-qadjiet tagħhom. Iżda fil-ġimgħa tal-festa l-Għarb kien jieħu xejra oħra.

L-ewwel ħjiel ta'tiżjin tal-attivitajiet tal-festa barra l-knisja niltaqgħu magħhom għall-ħabta tal-1885. Il-Kanonku Dun Ġużepp Galea (1858-1920) kien fassal arkijiet tal-ħadid fuq iz-zuntier tal-knisja u magħhom kienu jiddendlu tazzi ta' kull kulur li kienu jixgħelu biż-żejt tal-ikel. Kien ukoll iħajjar lin-nies biex jiġbru xewk u qasbija biex imbagħad lejlet il-festa jagħmlu ħuġġieġa kbira.

Il-flus kienu jinġabru bieb bieb. In-nies kienu jrabbu l-flieles, li meta jikbru, kienu jinġabru, jinbiegħu u l-flus kienu jmorru għall-ispejjeż tal-festa. Il-membri tal-kumitat tal-festa kienu wkoll jiġbru tagħam, suf, silla u qoton u jinbiegħu għall-istess għan. Il-faċċata tal-knisja kienet tkun mixgħula minn ħafna tazzi taż-żejt tal-kulur. Fl-1893 l-Arċipriet Franġisku Saverju Debrincat "Ta Baċċu"xtara 1000 tazza taż-żejt; 800 bojod u 200 tal-kulur għal żewġ liri, dsataxi-il xelin u disa' soldi. Dawn il-lampi kienu jiddendlu mal-faċċata tal-knisja u jekk ma jkunx maltemp kienu jinxtegħlu kollha lejlet il-festa.

Mitt sena ilu, l-armar bħal arbli, bnadar u bandalori kienu jinkrew mir-Rabat t'Għawdex. Fl-1916 sar prokuratur il-Kanonku Dun Beneditt Axiak u dan beda jaħseb għal pedestalli u ordna wkoll xi statwi tal-anġli għal fuq iz-zuntier. Hu stess ħadem żewġ pedestalli. Bejn l-1914 u l-1918 ma kinitx issir festa sterna ħlief banda minħabba l-gwerra u għalhekk, irnexxielu jfaddal ħamsin lira sterlina mill-ġbir tal-qoton, suf, ful u tagħam. Fl-1 ta' Mejju, 1919 laħaq prokuratur il-Kanonku Dun Ġużepp Galea li xtara d-drapp għall-bandalori u bnadar u ordna kolonni, stemmi, lasti tat-trofej biex jintramaw fil-pjazza għand Karmenu Borg, imlaqqam 'Iż-Żronġ', li kien joqgħod fi Triq San Publiju r-Rabat ta' Malta (Figura 1). Dawn swew 93 lira sterlina, 3 xelini u 6 soldi. Ordna wkoll l-istatwi ta' Ġuditta u ta' Ester għand l-istatwarju Wistin Camilleri li swew tnax-il lira. Il-pedestalli tagħhom inħadmu minn Spiru Camilleri mill-Għarb. Għall-festa tal-1919 Antonio Agius pitter żewġ bnadar kbar għal fuq il-kampnari; waħda bil-girlanda blu u bl-istemma tal-Madonna u l-oħra bil-girlanda safra u bl-istemma tal-papa. Wiġi Spiteri 'ta' Ċoqu' kien jieħu ħsieb l-isparar tal-maskli u tal-bombi fil-granet tat-tridu u ta' nhar il-festa. Mal-logħob tan-nar li kien jinħadem minn Ġużepp Grech, f'lejlet il-festa wara l-marċ il-kbir kien ikun mudell żgħir ta' vapur b'ħafna bnadar żgħar, irdieden, sufarelli u gassijiet imwaħħlin miegħu u kien jintrama' fuq wajer tal-azzar marbut minn fuq il-knisja sad-dar tal-familja Cremona 'tal-Willi' n-naħa l-oħra tal-pjazza (tul ta' xi 150 metru). Kellu mnaqqax fuqu 'St Elizabeth'. Kienu jagħtuh in-



*Figura 1. Il-faċċata tal-knisja mżejna u l-Banda Leone tal-Belt Vittorja fuq il-planċier fil-bidu tas-seklu għoxrin.*

nar u kif il-gassijiet u s-sufarelli jieħdu n-nar, il-vapur kien jiġri sparat fuq il-wajer itajjar in-nar u jsaffar fost l-għajjat u t-twerżiq tal-folla preżenti. F'għaxar snin il-prokuratur Axiak kien għamel ħafna biex żejjen il-pjazza tal-Għarb għall-ġranet tal-festa. Miet ta' 48 sena fl-24 t'Awwissu, 1927.

Il-prokuratur ta' warajh kien Dun Piju Portelli li kompla jżid it-tiżjin tal-festa. Mal-ħatra tiegħu twaqqaf kumitat tal-festa. Dawn kienu jitħabtu ħafna biex jiġbru l-flus għall-festa. Kienu jqassmu l-flieles fid-djar darbtejn fis-sena u mbagħad ibigħuhom meta jsiru sriedaq, jiġbru l-prodotti tar-raba għall-bejgħ u jorganizzaw lotteriji. Kienu jarmaw statwi fuqil-pedestalli, antarjoli, pavaljuni, kolonni, piramidi u trofej. Fl-1929 għamlu kampanja kbira ta' ġbir għall-pedestall tal-istatwa tal-Viżitazzjoni. Dan il-pedestall (Figuri 2,3 u 4) inħadem mill-imgħallem Karmenu Attard, imlaqqam 'L-Għammiel', mill-Belt Vittorja fuq id-disinn t'Abram Gatt minn Bormla. L-iskultura tal-injam inħadmet mill-imgħallem Sant ta' Birkirkara.



*Figura 2. Il-Pedestall inħadem minn Karmenu Attard fuq disinn t'Abram Gatt*

L-artist Wistin Camilleri għamel l-erba' anġli tal-ġnub bl-iskrizzjonijiet f'idejhom u naqqax l-erba' kwadri fil-ġnub tal-pedestall li juru l-Anġlu Gabriel jidher lil Żakkarija, l-Annunzjata, it-Twelid ta' Ġesù Bambin u l-preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju u erba' rjus tal-anġli, waħda kull faċċata. Inħadem għall-pedestall ukoll sellum kbir biex titla' l-vara u kanċell tal-ħadid għal madwaru. B'kollox sewa mija u ħamsa u ħamsin lira, tliet xelini u żewġ soldi. Fil-parti t'isfel tal-pedestall hemm kitba tal-Monsinjur Luigi Farrugia tal-Katidral ta' Malta li tgħid: 'Il-pedestall li fuqu hija poġġuta x-xbieha ta' Omm Alla fiż-żjara lil Santa Eliżabetta ġie magħmul mit-tjubija tan-nies tal-Parroċċa'. Il-pedestall intrama' għall-ewwel darba fl-1930. L-istatwa tal-Viżitazzjoni ta' barra sabiex titla' fuq dan il-pedestall inħadmet ukoll fl-1930 mill-iskultur Wistin Camilleri u tħallset minn Kelinu Portelli li kien iżommha ġo niċċa d-dar tiegħu minn festa għal oħra (Figura 5). L-ewwel dimostrazzjoni bl-istatwa tal-Viżitazzjoni fl-aħħar jum tat-tridu saret fit-30 ta' Ġunju, 1932. Fl-istess sena nxtegħlu 452 lampa tal-elettriku fil-faċċata u mat-toroq inxtegħlu t-tazzi taż-żejt bħas-soltu.



*Figura 3. Dettall tal-parti tan-nofs tal-pedestall turi lill-anġlu jidher lil Żakkarija*



*Figura 4. Dettall tal-parti ta' fuq tal-pedestall*



*Figura 5. L-Istatwa tal-Viżitazzjoni maħduma minn Wistin Camilleri*

Fis-sena 1929 l-Professur Luigi Billion kiteb l-innu bit-Taljan biex jitkanta lejlet il-festa u nharha xħin tkun ser toħroġ il-purċissjoni. Il-mużika kienet miktuba mill-Kavallier Cardenio Botti, tal-Banda 'La Vallette' tal-Belt u ndaqq għall-ewwel darba fil-festa tal-1930 mill-Banda 'La Stella' tar-Rabat Għawdex.

Il-palk tal-banda (Figura 6) inħadem minn Amabile Vella u Mikielanġlu Saliba, it-tnejn mir-Rabat Għawdex u żżanżan fl-1947 meta l-prokuratur kien Dun Karm Vella. Sewa sitt mitt lira sterlina li nġabru mingħand in-nies tal-Għarb bieb bieb u minn diversi attivitajiet bħalma huma lotteriji u fieri. Is-sena ta' wara (1948) il-poeta-qassis Amante Buontempo kiteb l-innu bil-Malti li jitkanta waqt it-tlugħ tal-Madonna u Santa Elizabetta fuq il-pedestall.

Nhar il-festa filgħodu jsir il-pontifikal u filgħaxija l-purċissjoni bl-istatwa u bir-relikwa. Nhar il-festa filgħaxija nisa u rġiel, żgħażagħ u tfal jinġabru fil-pjazza ta' quddiem il-knisja u fit-toroq tal-madwar lebsin l-aħjar ilbies. In-nisa mżejnin b'ċappetti, kullani ħoxnin nofs pulzier b'pendenti jleqqu, ċrieket, imsielet u labar tad-deheb, iżanżnu l-libsa tal-festa u l-irġiel bil-ġlekk u bil-polka tad-deheb. Il-purċissjoni tal-festa kienet toħroġha kkumpanjata mid-daqq tal-'Banda Leone' tar-Rabat Għawdex, kaxxa infernali u musketterija. Il-Banda bdiet tieħu sehem fil-purċissjoni mill-1917. L-istatwa tal-Viżitazzjoni tal-Imqaddsa Marija lil Santa Elizabetta nħadmet mill-istatwarju Ġużeppi Vella(1802-1866) mill -Belt Valletta fl-1853 u swiet 200 skud bl-induratura b'kollox (sittax-il lira, tlettax-il xelin u erba' soldi) u tħallset bit-tħabrik tal-Vigarju Arċipriet Dun Ġużepp Agius li ġabar il-flus mingħand in-nies tar-raħal. Sir Adrian Dingli li kellu l-antenati tiegħu mill-Għarb u l-Prepostu Dun MikielAnġ Axiak ikkontribwixxew 10 skudi kull wieħed għal din l-istatwa. Qabel l-1853, fil-purċissjoni tal-festa kienet toħroġ il-Madonna tar-Rużarju li għadha tinstab fil-knisja.



*Figura 6. Il-Palk tal-Banda maħdum minn Amabile Vella u Mikielanġlu Saliba fl-1947.*